# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Marzu - April 1984 Nru. 17


## IR-RANDAN - Veru Żmien Sabiħ!

Nhar l-Erbgħa 7 ta' Marzu jaħbat "Ras ir-Randan", li jagħti bidu għal żmien siewi għall-ġid ta' ruħna. Fl-antik, mall-kelma Randan, konna nassoċjaw is-sawm u l-penitenza. Iżda llum, il-Knisja, bħal omm ħanina, dejjem lesta biex tara x'inhu l-aħjar għal uliedha, naqqset ferm mis-sawm obligatorju u żammet biss jumejn - Il-bidu tar-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira.

Aħna l-insara ta' dawn iż-żminijiet moderni, kif se nħarsu lejh żmien ir-Randan? Bħala bnedmin maturi għandna nkunu konvinti li matul dawn l-Erbgħin ġurnata, iktar mis-soltu, għandna okkażjoni kbira li nersqu lejn il-Mulej. Inħarsu lejh bħala żmien veru sabiħ! Dan iseħħ billi minn jeddna niċċaħħdu minn oġġetti li jogħġbuna u noffru s-sagrifiċċji tagħna bi tpattija għan-nuqqasijiet u d-difetti li hemm fina. Penitenzi hekk, jistgħu jsiru mhux biss f'affarijiet ta' l-ikel, imma wkoll meta nnaqqsu mill-ħin quddiem it-television, qari ta' kotba u romanzi u anqas films. Għax jekk toqgħod tqis, issib li dak li jidher bħala ħmerija, jieħu valur kbir meta jsir għall-imħabba t'Alla.

Din is-sena, iktar mis-soltu, il-knisja tħeġġiġna li nagħmlu użu tajjeb mir-Randan li se nibdew, peress li se jwassalna għall-għeluq tas-"Sena tar-Redenzjoni". Matul is-"Sena tal-Fidwa" kellna l-appell biex niftħu qalbna għal Kristu wara li nagħrfu x'għamel għalina meta konna għedewwa Tiegħu. Kien Hu li għamel l-ewwel pass, u sar bniedem, biex tkun tista' sseħħ fina ir-rikonċiljazzjoni.

Ma' nħallux li jerġa jgħaddi Randan ieħor, u nibqgħu fejn aħna. Inqumu mill-indifferenza li kultant titfaċċa f'ħajjitna u nifhmu x'valur għandha ruħna u kemm hemm bżonn nibżgħu għaliha. Nitħejjew b'sagrifiċċji żgħar, spissi u volontarji, biex jirnexxielna nersqu lejn il-Mulej. Hekk naqilgħu minn għandu l-għajnuna neċessarja matul il-mixja tagħna f'dinja daqshekk imqallba. Meta nissaħħu b'dawn il-mortifikazzjonijiet, id-difetti tagħna jonqsu, u nkunu kapaċi - bil-Grazzja t'Alla - nisktu quddiem il-kuntrarju, ngħinu lil min hu fil-bżonn, naħfru u nagħmlu l-ġid lil min jagħmlilna d-deni. Kemm hi sabiħa l-ħajja nisraija. Dnub li valuri hekk nobbli ftit li xejn qed nożżuhom, anzi ngħixu bħal min għalih il-ħajja hi biss salqabar.

***" Għax, jekk, meta konna għedewwa konna rikonċiljati ma' Alla bil-mewt ta' Ibnu, kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu, insalvaw permezz tal-ħajja Tiegħu ?"*** *(Rum.5, Vers 10)*



*Kurċifiss meqjum għand il-Ċiżwiti fid-Dar tal-Irtiri "Manresa" Victoria.*

Mela, fir-Randan hemm bżonn li sseħħ fina din ir-riforma. Riflessjonijiet fuq il-Passjoni u l-mewt tal-Maħbub Ġesù, hu mezz qawwi biex tkun tista' tibda fina din il-konversjoni. Għax ma' jistax ikun li titfa ħarstek fuq il-kurċifiss, timmedita fuq kemm bata għalina Ġesù, u tibqa' bla ħeġġa. Il-knisja teżortana biex naqraw spiss fuq it-tbatijiet li sofra l-Feddej. Ta' min jerġa' jqajjem id-devozzjoni lejn il-Via Sagra, fejn stazzjon wara stazzjon insegwu r-rakkont qawwi ta' dak li ġarrab għalina Kristu Ġesù. Dan kollu sar biex aħna nkunu nistgħu nsalvaw ruħna.

**Hekk, ħbieb, irridu nħarsu lejn ir-Randan li se nibdew dan ix-xahar. Il-penitenzi żgħar li lesti nagħmlu, żgur li għad ikunu mberkin mill-Mulej. Nisperaw li għad nisimgħuh jgħidilna ". . . la kontu fidili fil-ftit, Jien inqegħidkom fil-wisq. Idħlu fil-ferħ ta' Sidkom"** *(Mt 25, u 23)*

*Paul Schembri*

EZERCIZZI TAR-RANDAN 1984

**Għaż-Żgħażagħ:** Bejn id-19 u t-23 ta' Marzu fis-7.00 p.m. – *Pred.- Kan. G. Gauci*

**Għall-Miżżewġin Flimkien:** Bejn is-26 u t-30 ta' Marzu fis-7.30 p.m. *Predikatur: Patri Gwardjan Diegu Theuma O.F.M. Kapp.*

**Għal Kulħadd:** Bejn is-26 u t-30 ta' Marzu fis-2.30 p.m. *Pred - Dun Law. Sciberras*

## *Niltaqgħu Nhar . . .*

**MARZU 1984**
**Il-Ġimgħa 2**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni. Fis-7.00 p.m. quddiesa għall-irġiel u ġuvintur.
**Is-Sibt 3.**
L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni.
**L-Erbgħa 7.**
Ras ir-Randan. Obbligu tas-Sawm u Astinenza. Fis-2.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja. Fis-6.00 p.m. Funzjoni tar-Rmied u Konċelebrazzjoni
**Il-Ħadd 11.**
L-Ewwel Ħadd tar-Randan. Fl-4.00 p.m. quddiesa bil-priedka tal-Kwareżimal.
**It-Tnejn 19.**
Solennita ta' San Ġużepp. Fis-6.30 p.m. jibdew l-Eżerċizzi għaż-żgħażagħ.
**It-Tnejn 26.**
Fis-2.00 p.m. jibdew l-Eżerċizzi għal kulħadd. Fis-7.00 p.m. jibdew l-Eżerċizzi għall-Miżżewġin.
**Is-Sibt 31.**
Konklużjoni tal-Korsijiet tal-Eżerċizzi fis-7.00 p.m. quddiesa.
**APRIL 1984**
**L-Erbgħa 4**
Fis-2.00 p.m. Siegħa Adorazzjoni Komunitarja
**Il-Ħamis 5.**
Tibda s-Settiena tad-Duluri. Fis-7.00 p.m. quddiesa bil-priedka.
**Il-Ġimgħa 6.**
L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ġurnata Espożizzjoni Solenni.
**Il-Ġimgħa 13.**
Festa tad-Duluri tal-Beata Verġni Marija.
**Il-Ħadd 15.**
Ħadd il-Palm. Fil-5.00 p.m. Funzjoni tat-Tberik taż-żebbuġ u l-palm u Konċelebrazzjoni Solenni.
**L-Erbgħa 18.**
Via Sagra u Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof.
**Il-Ħamis 19.**
Ħamis ix-Xirka. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni, wara jibdew il-Visti tas-Sepolkri.
**Il-Ġimgħa 20.**
Il-Ġimgħa l-Kbira. Fl-4.00 p.m. Funzjoni u tqarbin. Fis-6.00 p.m. Purċissjoni Devota u Tradizzjonali bis-sehem tal-Banda La Stella.
**Is-Sibt 21.**
Sibt il-Għid. Fit-8.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.
**Il-Ħadd 22.**
L-Għid il-Kbir fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni. Jibda' t-tberik tal-familji
**It-Tnejn 23.**
Jum San Ġorġ
**Il-Ħadd 30.**
Solennità ta' San Ġorġ Martri. Quddies il-jum kollu. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons. Isqof.

# *IL-QADDISA TAX-XAHAR*

## *29 ta' April*

Katerina kienet it-tlieta u għoxrin f'familja ta' ħamsa u għoxrin wild. Missierha, Jacopo Benincasa, kien neguzjant tad-drappijiet: raġel tar-ruħ. Ommha, Lapa Piagente, kienet mara bieżla, tħobb 'l uliedha, iżda xi ftit marbuta mal-ħwejjeġ ta-dinja. Katerina kibret intelliġenti, ferriħija u mimlija tjieba. Minħabba f'hekk, kienet il-favorita tal-familja, kulħadd jiggustaha.
Ta' sitt snin ġarrbet esperjenza mistika meta waqt li kienet sejra lura d-dar, lemħet lil Ġesù fil-glorja f'nofs dawl qawwi. Kienet esperjenza li ħalliet il-marka tagħha fuq il-kumplament ta' ħajjitha. Bdiet tnaqqas mill-ikel u mir-rqad u żżid il-penitenzi; minflok il-logħob, saret tħobb is-skiet u tfittex l-imwarrab, fejn kienet titlob, timmedita u ssawwat lilha nfisha b'ħabel mimli għoqod. L-inkwiet għal Katerina beda meta kellha madwar ħmistax-il sena, u ommha bdiet issus fuqha biex taħseb tiżżewweġ. Katerina kienet deċiża li ma teħux l-istat tagħha u biex turi kemm kienet soda f'fehmitha, qatgħet xagħarha kollu. Ommha ħaditha bi kbira u bdiet tikkastiga 'l bintha billi tistmaha ta' seftura tad-dar.
Mill-banda l-oħra Katerina sabet f'missierha l-persuna li miegħu setgħet tiftaħ qalbha: hi wrietu bil-ħsieb li kellha li ssir terzjarja dumnikana. Kien San Duminku stess li fil-ħolm stiedinha biex tidħol magħhom. Wara ħafna tfixkil (ħafna minnu ġej minn ommha) fl-aħħar Katerina ġiet aċċettata u ngħatat il-mantell ta' Terzjarja Dumnikana fl-età ta' tmintax-il sena. Kompliet bil-penitenzi ħorox u kienet tqum fl-iljieli biex titlob għal siegħat sħaħ. Id-direttur tagħha kien Kristu nnifsu, li kien jidhrilha jew ikellimha f'qalbha.

# SANTA KATERINA MINN SIENA

## (1347 - 1380)

Damet tliet snin f'din il-ħajja maqtugħa, sakemm darba Katerina ġarrbet esperjenza oħra mistika: dehrilha Ġesù, li f'att simboliku, libbisha ċurkett tat-tieġ, sinjal taż-żwieġ mistiku tagħha miegħu. Issa hi bdiet titħallat aktar man-nies u bosta kienu dawk li kienu jfittxuha għal kliemha u l-pariri tagħha, u kienu jsejħula bl-isem ħelu ta' "Omm".
Kien f'Pisa li darba wara li tqarbnet, Katerina rċeviet il-pjagi; iżda fuq talba tagħha stess lil Ġesù, dawn il-pjagi ma kenux jidhru minn barra, għalkemm hi kienet tarahom u kienu jikkaġunawlha uġigħat kbar.- Fl-1378 miet il-Papa Girgor XI u warajh intgħażel il-Papa Urbanu VI, bniedem rett, iżda nieqes mit-tattika; tant li l-Kardinali sogħobbihom li għażluh, u bi skuża li ma kenux liberi meta tellgħuh, għażlu ieħor minfloku f'Avignon. Hekk bdiet ix-Xiżma l-kbira, li ħeżżet il-Knisja mis-sisien. Katerina ħassitha wisq din il-firda u għaddiet l-aħħar sena u nofs ta' ħajjitha titlob u taħdem biex kulħadd jagħraf lil Urbanu bħala l-Papa leġittimu. Hi ma kellhiex ix-xorti tara t-tmiem tax-Xiżma, iżda xorta ħabbret it-tmiem tagħha. B'danakollu l-firda baqgħet ittertqilha qalbha. Qabadha uġieħ qawwi li fnielha ruħha u ġisimha, iżda sofriet kollox bil-kalma u offriet ħajjitha għar-rebħa tal-Knisja.
Damet tliet xhur agunija, biex mietet nhar il-Ħadd, 29 ta' April 1380. Difnuha fil-Bażilika ta' Santa Maria ta' Ruma. Il-Papa Piju II għolliha għall-ġih ta' l-altari waqt li fl-1939 il-Papa Piju XII iddikjaraha Patruna ta' l-Italja flimkien ma' San Franġisk ta' Assisi. Hi l-ewwel mara, flimkien ma' Santa Tereża ta' Avila, li ġiet dikjarata Duttur tal-Knisja.

# INSELLMU LILL-ARĊISQOF GONZI



*l-Arċisqof Emeritus, Mons. Mikiel Gonzi, jidher jingħata merħba minn Mons Arċipriet Emanuel Mercieca fl-Awla Kapitulari, fl-aħħar żjara li huwa għamel lill-Bażilika ta' San Ġorġ, nhar is-Sibt, 2 ta' Ġunju 1979, f'liema okkażjoni huwa irregala lill-Knisja l-Urna ta' Ġesù Bambin, li tidher fir-ritratt.*

Id-Direzzjoni tar-rivista "IL-BELT VICTORIA" tixtieq tingħaqad mall-Kapitlu, il-Kleru u l-Komunità Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ sabiex turi s-sogħba tagħha fit-telfa tal-Arċisqof Emeritus, Mons. Mikiel Gonzi, li ġrat nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 1984. Huwa kellu 98 sena.

L-Arċisqof Gonzi huwa marbut mall-poplu Għawdxi b'rabta speċjali għaliex kien f'Għawdex li huwa beda l-ħidma episkopali tiegħu, li kellha tieħu 52 sena. Bejn is-snin 1924 u 1943 huwa għadda 19 il-sena shaħ bħala r-Ragħaj tad-djoċesi Għawdxija, f'liema żmien huwa ħadem u stinka kemm felaħ għall-ġid tal-poplu kollu. F'Diċembru tal-1943 huwa mbagħad inħatar Arċisqof ta' Malta, fejn bix-xogħol, bil-kelma u bl-eżempju tiegħu rnexxielu jikber quddiem il-poplu bħala wieħed mill-ikbar ċittadini li qatt kellha Malta fl-istorja tagħha.

Il-ħajja tal-Arċisqof Gonzi nistgħu ngħidu li hija minsuġa ma' l-istorja ta' Malta f'dan is-seklu. Kien bniedem maħbub, bniedem li kien igawdi rispett kbir, bniedem li sa minn żgħożitu ħadem ħafna għall-ħaddiema. U baqa' sa l-aħħar jaħdem għall-fqir u għall-ħaddiem.

Bil-mewt tal-Arċisqof Gonzi Malta u Għawdex tilfu wieħed mill-ulied l-aktar maħbuba tagħhom. Iben qalbieni, li ħabbat wiċċu ma tempesti kbar flimkien mall-poplu kollu. Tlifna missier twajjeb u mexxej qalbieni.

Il-Knisja Bażilika tagħna fakkret il-figura ta' Mons. Arċisqof nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar b'Konċelebrazzjoni Pontifikali immexxija mill-Isqof Nikol Cauchi b'suffraġju għal ruħu.

Minn dawn il-kolonni nagħtuh minn qalbna l-aħħar tislima waqt li nibqgħu niftakruh bl-akbar rispett.

# Wara 30 Sena TV

Bħalissa RAI TV qed ixandar sensiela ta' dokumentarji bl-isem "Trent' Anni Di Storia" biex ifakkar għeluq it-30 sena mill-ftuħ tal-istazzjon. L-ewwel trasmissjonijiet ta' 30 sena ilu kienu intiżi biss għall-belt ta' Ruma, iżda f'qasir żmien xterdu ma' kull rokna ta' l-Italja. Bil-kemm kienu laħqu għaddew 10 snin mill-introduzzjoni tat-television fl-Italja li t-TV ma daħalx ukoll fil-gżejjer tagħna, u hawn ukoll inferex ma' kullimkien fi ftit snin speċjalment wara l-ftuħ tal-istazzjon nazzjonali Malti.

Dan l-aqwa mezz ta' komunikazzjoni hu rikrejattiv u edukattiv. Ħafna mill-programmi huma divertenti, interessanti u jserħuk wara ġurnata xogħol. Kull membru fil-familja żgur li jsib programm għall-qalbu, sew jekk iħobb il-sport, il-varjetà, l-aħbarijiet, kunċerti operistiċi, films jew cartoons. Kemm tieħu pjaċir tara l-familja miġbura flimkien, speċjalment fix-xitwa, jaraw xi serje favorit tagħhom.

Imma kif igħid il-Malti: "Ma hawnx warda mingħajr xewk", u bla dubju t-TV daqs kemm hu ta' ġid, daqshekk ieħor jista' jkun ta' ħsara għall-għaqda tal-familja, meta ma jkunx hemm kontroll fuq il-ħin li nqattgħu quddiem is-sett. Il-moderazzjoni tajba f'kollox. Hawn min sar skjav tat-TV: jasal mix-xogħol jew mill-iskola u araħ jintefa' fuq pultruna u ma jiċċaqlaqx minn hemm lanqas biex jiekol. Drawwiet bħal dawn qed ifarrku l-familja Maltija, għax mhux qed jibqa' ħin biex il-familja titkellem u titlob flimkien.

Dan l-aħħar il-familji serji qed jiffaċċjaw problema ġdida minħabba ċerti films li jintwerew fuq li screen żgħir. Sfortunatament ħafna minn dawn il-films, speċjalment fuq ċerti Channels, huma ta' ton morali baxx, u qed jipprofonaw id-djar tagħna. Inkunu ta' karattru. U barra li nevitaw lit-tfal tagħna minnhom anki aħna ngħidu LE kbira għal films ta' din ix-xorta. Ċerti li nsibu programm ieħor li jinteressana fuq wieħed miċ-Channels l-oħra.

Meta aħna lkoll ninsabu skjavi tal-ħajja mgħaġġla ta' kuljum, għaliex ma naħsbux biex nagħmlu Time-Table u nirregolaw ftit il-ħin tagħna? Għandna nsibu l-ewwel u qabel kollox ħin għall-Mulej, u imbagħad ħin għall-familja, ħin għax-xogħol u ħin għat-TV. Fejn hemm ir-regola hemm il-kalma u l-għaqda. Fejn hemm l-għaqda hemm il-klima idejali biex jgħammar il-Mulej.

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

**31.12.83** NOEL iben Ignatio Micallef u Grace neè Attard
**1.1.84** SILVIO iben Paul Cini u Maria neè Attard
**7.1.84** SAMWEL Iben George Fenech u Helen neè Mizzi
**19.1.84** ELIZABETH, bint M'Angelo Grech u Marita neè Cordina.
**21.1.84** NATASHA bint Anthony Farrugia u Georgette neè Muscat.
**21.1.84**
CONNIE, bint Michael Attard u Teresa neè Tabone.
**22.1.84** HILDA bint Johnnie Galea u Yvonne neè Gauci.
**29.1.84** MARIELLA, bint Victor Mercieca u Doreen neè Xerri.
**29.1.84** CHRISTIAN iben Carmelo Zammit u Maria neè Borg.

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

**4.2.84** Rose Spiteri u Joseph Zerafa
**18.2.84** Rita Farrugia u Teddy Cassar

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

EDITORJAL

## Għalina ma hawn xejn???

Bosta huma dawk l-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għall-ieħor għad-diversi kategoriji li jeżistu fi ħdan il-komunità parrokkjali tagħna. It-tfal għandhom il-quddiesa propja tagħhom kull nhar ta' Ħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali, filwaqt li l-anzjani u l-morda jsirulhom minn żmien għall-ieħor laqgħat u jiem iddedikati għalihom.
Kategorija li f'dawn l-aħħar xhur żgur li inħolqilha meżż li permezz tiegħu kapaċi tħoss b'liema għożża l-parroċċa tħares lejha hija l-kategorija li tħaddan fiha kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa. Minn Ottubru 'l hawn żdiedu żewġ attivitajiet oħra mal-ħafna li kienu diġà jeżistu.
**IRĠIEL: Quddiesa ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**
Il-Parroċċa ħasbet biex kull l-ewwel Ġimgħa tax-Xahar torganizza fl-Oratorju tagħna quddiesa propja għall-irġiel. F'din il-quddiesa, l-irġiel qiegħed jitwasslilhom messaġġ spiritwali, permezz ta' omelija qasira.
Ħafna huma dawk l-irġiel li qegħdin japprofittaw ruħhom minn din il-quddiesa, kemm minħabba l-ħin li fih qegħda issir, jiġifieri wara is-7.00 p.m. kif ukoll minħabba kumdità li huma jsibu għall-qrar, ħaġa li l-parroċċa tagħna qegħdha ukoll twettaqha mal-ħinijiet kollha tal-ġurnata. Għalhekk nappellaw lill-irġiel l-oħra li s'issa ma kellhomx l-okkażjoni jieħdu sehem, sabiex huma ukoll ikomplu id-drawwa għażiża tat-tqarbina fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar permezz ta' din il-laqgħa li qed issir għalihom taħt forma ta' quddiesa.
**NISA: Ladies Society**
In-nisa wkoll għandhom il-post li jixirqilhom fil-ħidma pastorali tal-parroċċa tagħna. Wara li għal bosta snin kienu ġew organizzati diversi attivitajiet minn u għan-nisa, inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf fi ħdan il-parroċċa l-Ladies Society . Fi ħdan din l-għaqda n-nisa tal-komunità parrokkjali tagħna jiġu mogħtija diversi korsijiet li huma jħossuhom utli fil-ħajja ta' kuljum. Qed jiġu organizzati diversi ħarġiet taħt forma ta' Coffee Mornings bil-għan li joffru rekreazzjoni xierqa u tajba u sadattant jiġbru fondi għal attivitajiet pastorali oħra.
Din il-Ladies Society mhix xi club ristrett għal ftit, iżda għandu l-bibien tiegħu miftuħa berah għan-nisa kollha tal-Parroċċa. Għalhekk nixtiequ li permezz ta' din ir-rivista inwasslulkom l-istedina tagħna biex kull mara tissieħeb u tagħti s-sehem tagħha fi ħdan il-Ladies Society tal-parroċċa tagħna.

## 'IL-MASS MEDIA U L-FAMILJA'

Taħdita minn LAWRENCE MIZZI
nhar il-ĦAMIS 8 ta' MARZU fis-2.00 p.m.
fiċ-ĊENTRU PARROKJALI ta' SAN ĠORĠ.

## FESTI ĊENTINARJI F'LULJU LI ĠEJ

**Il-W.R. Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, nhar il-Ħadd 13 ta' Frar, ħabbar uffiċjalment li f'Lulju li ġej se jiġu ċelebrati Festi Ċentinarji fl-okkażjoni ta' għeluq l-1700 sena mit-Twelid ta' San Ġorġ Martri. Għal dan il-għan qed jiġi mħejji programm ta' attivitajiet speċjali għal matul il-ġranet tal-festa sabiex din il-ġrajja hekk importanti tiġi mfakkra kif jixraq. Mons. Arċipriet ħeġġeġ lill-parruċċani tiegħu jibdew jitħejjew spiritwalment minn issa għal dawn il-festi ċentinarji sabiex dawn ma jonqsux li jħallu frott abbundanti kif mixtieq, u b'hekk jintlaħaq l-iskop li għalih ser isiru.**
**Mons. Arċipriet wera x-xewqa tiegħu li f'din l-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji l-ulied ġodda li jitwieldu matul din is-sena, b'mod partikolari dawk fil-parroċċa ta' San Ġorġ iġibu l-isem tal-Qaddis bħala tifkira ta' dan l-avveniment kbir. Appelli simili kienu saru fl-1903 mill-Arċipriet Felic Refalo meta l-Parroċċa ta' San Ġorġ kienet ukoll iċċelebrat Festi Ċentinarji f'ġieħ il-Qaddis Patrun u iktar riċenti, fit-23 t' April 1983, minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta San Ġorġ Martri.**



## L-Opinjoni Tagħkom

*Dan l-aħħar waslulna diversi ittri m'għand xi qarrejja tagħna, il-biċċa 'il kbira fosthom ittri ta' apprezzament. Minħabba nuqqas ta' spazju mhux possibbli li nippubblikaw dawn l-ittri iżda ser nisiltu xi punti ewlenin minn uħud minnhom:*
- Chev. J. Zammit, emigrant Ġorġjan fil-Canada, f'kelmtejn sbieħ ta' apprezzament li bagħtilna, fisser is-sodisfazzjon tiegħu li ta' kull xahrejn jirċievi r-rivista tagħna. "Permezz ta' din ir-rivista, aħna l-emigranti nħossuna fostkom fil-moħħ u fir-ruħ, u fl-ispirtu Ġorġjan". F'parti oħra tal-ittra tiegħu ssuġġerixxa li l-isem Victoria jibda jinkiteb Vittorja.
- Anici (Victoria) irrifera għall-artiklu li ippubblikajna fl-aħħar ħarġa dwar il-Laqgħa tal-Papa ma' Ali Agca, u inkoraġġiena nippubblikaw iktar artikli ta' din ix-xorta "li jkomplu jagħtu iktar attwalità lir-rivista".
- G. Attard (Victoria) appella sabiex jinstabu aktar sosteni̇turi li jikkontribwixxu LM1 fis-sena b'risq ir-rivista.
- G. Grech (Sta. Venera) filwaqt li feraħ lill-Bord Editorjali, ipproponа li xi minn daqqiet jiġi pubblikat Supliment bl-istorja tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ sa minn l-eqdem żmenijiet.
- C. Farrugia (Victoria) kitbet biex tgħidilna kemm għoġbitha l-idea li qed nippubblikaw rokna ċkejkna għan-nisa mtella' mil-Ladies Society.
- Ċittadin Rabti talabna biex kemm jista' jkun ma nagħtux lok għal ħafna reklami, minħabba fiċ-ċokon tal-gazzetta. Issuġġerixxa wkoll li nibdew sensiela dwar profili ta' nies prominenti li twieldu fil-belt Victoria.

*Lil dawk kollha li kitbulna nirringrazzjawhom u nassigurawhom li s-suġġerimenti li għamlulna qed jiġu ikkunsidrati.*

# SAN ĠORĠ FIL-FOLKLORE

***Fis-sensiela qasira ta' riflessjonijiet dwar il-ħajja tal-Kbir Martri San Ġorġ li nidejna fil-ħarġa ta' Jannar-Frar fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji li ser jinżammu aktar tard din is-sena, qed nippubblikaw it-tieni artiklu f'din is-serje, li din id-darba jittratta dwar it-tradizzjonijiet folkloristiċi marbuta ma' dan il-qaddis. Kitba tal-Kan. Teol. Ġużeppi Gauci.***

Il-figura popolari ta' San Ġorġ kienet dejjem mhux biss ispirazzjoni għall-pitturi, skulturi u anke kittieba tal-proża u poeżiji ta' diversi lingwi fl-opri tagħhom, imma anke ispirazzjoni għal ċerti attivitajiet tradizzjonali li maż-żmien bdew jiffurmaw il-patrimonju folkloristiku tal-pajjiż partikulari. Dawn l-attivitajiet folkloristiċi f'diversi pajjiżi mad-dinja kollha, kellhom dejjem l-ispirazzjoni tagħhom fil-leġġenda ta' San Ġorġ u d-Dragun. Ta' min igħid, hawnhekk, li l-leġġendi li bihom x'uħud riedu jżejnu l-S. Ġorġ kienu dejjem imqanqlin mill-ħsieb li tingħata aktar importanza u popolarità lil dan il-Qaddis Martri. U kien dan l-istess ħsieb li qanqal biex f'pajjiżi differenti jinħolqu tradizzjonijiet folkloristiċi b'konnessjoni ma' S. Ġorġ.

**Il-Logħba tad-Dragun**

Fis-seklu XV kienet fl-aqwa tagħha f'għadd ta' pajjiżi fl-Ewropa l-hekk imsejħa 'Logħba tad-Dragun", li fiha dragun kbir tal-kartapesta jew ta' xi materjal ieħor bħal dan, kien jiġi meqrud minn għadd ta' kavallieri li jgħaddu bil-ġirja fuq iż-żiemel minn fejnu bil-lanza f'idejhom. Din l-attività folkloristika kienet l-aktar popolari fin-Nederlands u kienet issir f'ħafna rħula u bliet ta' dawn l-inħawi.

Studju interessanti dwar din il-logħba tad-Dragun, (imsejħa wkoll il-Purċissjoni ta' S. Ġorġ) b'konnessjoni ma' l-attivitajiet folkloristiċi tan-Nederlands, kien deher fir-rivista "Limburg II", ippublikata mill-Ministeru tal-Kultura tan-Nederlands fl-1974. Dan l-istudju, miktub minn L-Okken jagħti tagħrif dokumentat dwar din l-attività folkloristika f'numru kbir ta' bliet u irħula. Interessanti huma ċerti noti dettaljati dwar din il-purċissjoni, bħal meta l-Isqof ta' Swalmen ipprojbixxa s-sehem tas-S.S. Sagrament fl-istess purċissjoni, fil-Vizta Pastorali tiegħu tal-1703., Infatti naqraw: "Swalmen. Ex visitatione 13 Martti 1703. - Pastor est Gerardus Dolmans. . . Ordinetur . . . ut Venerabile Sacramentum non sit cum processione ubi invaditur draco, vel si parochiani velint admittere ut drace non invadatur, tunc Venerabile poterit comitari procesionem . . ." Hi msemmija wkoll bi prominenza 'l-purċissjoni ta' l-istess kwalità, ta' S. Ġorġ li saret fil-Pjazza Ewlenija ta' Brussels fil-Belġju fil-31 ta' Mejju 1615.

Din l-istess attività f'ħafna rħula u bliet ta' dawn l-inħawi ta' l-Ewropa, għadha ssir sa llum. Jien stess fost il-materjal kbir li għandi tal-kollezzjoni bis-suġġett "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura", għandi 'poster' u 'banner' żgħir bl-iskrizzjoni "Greziens, partecipez a votre procession Fete de St. Georges - 1980", bi tħejjija għal din l-attività folkloristika fi Grez-Dioceau fil-Belġju. L-istess attività kienet għadha ssir żgur fis-Seklu 19 fi bliet tal-Bavarja fil-Ġermanja tal-Punent, bħal Furth im Wald, Traunstein, Ettendorf u A uerberg. "The Chronicle" ta' Gibiltà tal-24 ta' Mejju 1976, igħid u jġib ukoll stampi, li li "Scouts" tal-post jagħmlu "display" bħal din biex ifakkru is-"St. George's and Commenwealth Day" f'pajjiżhom.

**Fil-Brazil**

Tradizzjonijiet folkloristiċi jfakkru wkoll lil S. Ġorġ fil-Brażil, l-aktar f'Rio de Janeiro u f'Bahia fejn S. Ġorġ hu magħruf Ogun u Oxossi rispettivament. Iċ-ċelebrazzjonijiet folkloristiċi oriġinaw bit-taħlit ta' twemin Afrikan u użanzi Portugiżi li seħħu f'dan il-pajjiż sa minn madwar l-1500. Daqq u żfin ifisser ir-rebħa ta' Ogun jew



ST. GEORGE OF MERRIE ENGLAND

Oxossi fuq is-serp li, imbagħad iwassal għall-ikla tas-serp, tard matul il-lejl. Din l-ikla tas-serp tfisser ir-rebħa li Ogun jew S. Ġorġ għamel fuq id-Dragun.

**Fl-Ingilterra**

Anke fl-Ingilterra niltaqgħu ma' attivitajiet folkloristiċi dwar S. Ġorġ, Patrun Nazzjonali. Mill-"Victoria and Albert Museum" ta' Londra, ġibt 'postcard' riproduzzjoni ta' 'poster' li jħabbar il-kavalkata "St-George and the Dragon" li kienet qed issir fil-"Theatre Royal" ta' Drury Lane, f'Londra, fil-jiem (kull filgħaxija) bejn it-tmiem tal-1833 u l-bidu tal-1834. Fl-1847 ġiet ippublikata wkoll f'Londra, "Toy Theatre Play" bl-istampi b'kollox, bl-istess titlu "St. George and the Dragon".

**Fl-Italja**

F'diversi rħula u bliet ta' l-Italja jeżistu wkoll għadd ta' tradizzjonijiet folkloristiċi dwar S. Ġorġ. Ta' min isemmi li fil-Comune ta' S. Giorgio a Liri, fi Frosinone, għadhom sa' llum juruk għadira żgħira li, skond tradizzjoni lokali, fl-inħawi tagħha, dragn għatxan għad-demm, ġie maqtul mill-Kavallier Gorg. Tradizzjoni taqbel ħafna ma' din teżisti wkoll f'Sardinja.

Huwa mpossibbli li nkompli nsemmi bit-dettalji kollha tagħhom it-tradizzjonijiet folkloristiċi kollha li jeżistu b'konnessjoni ma' S. Ġorġ f'diversi pajjiżi mxerrdin mad-dinja kollha. Lanqas għamilt riferenza għat-tradizzjonijet folkloristiċi mgħaqqdin ma' S. Ġorġ, f'Malta u Għawdex. Iżda nittama li l-ftit li semmejt, f'li spazju limitat li għandi, jagħti idea ċara biżżejjed tal-popolarità ta' S. Ġorġ Martri.


RIFERENZI

L-Okken: "Het St. Jerisspel in Neord-Limburg" - "Limburg II" - 1974

A. Pantoni: Notizie Storiche - Bollettini Diocesani di Montecassino. n. 2, 3 e 4 - 1967.

P. Toschi : La Leggenda di S. Giogio nei Canti Popolari Italiani- Firenze 1964.

D. Balboni. S. Giorgio Martire - Biblioteca Sanctorum - Roma - 1965.

Sigrid Braunfels-Esche: Sankt Georg - Munchen - 1976.

Peter C. Jackson: St. George and the Dragon - London - 1971.


***Allegorija dwar it-Twelid ta' S. Ġorġ b'riferenza għal ismu li jfisser "bidwi".***

## *IL*-Lades Society Issejħilkom

Għadd sabiħ ta' nisa ta' kull età, membri tal-Parroċċa San Ġorġ, nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar inġabru flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali u qattgħu tliet siegħat fil-kumpanija ta' xulxin, jixorbu, jieklu u jiddevertu.

L-okkażjoni kienet l-ewwel "Get Together" li ġiet organiżżata f'isimhom mill-Kumitat tal-Ladies Society . Minbarra n-nisa tesserati, attendew diversi nisa u tfajliet oħra li wieġbu għall-istedina publika li kienet saritilhom ġranet qabel, u nqdew bl-opportunità biex inkitbu fl-għaqda. Fil-fatt, wara dan il-"Get Together" in-numru tan-nisa membri fil-L.S. issa kiber sostanzjalment.

Matul l-ewwel xaharejn tas-sena l-għaqda kompliet bil-programm ta' attivitajiet soċjali u rekreattivi tagħha, attivitajiet li servew mhux biss biex żammew lill-membri okkupati b'kull xorta ta' ħidma, iżda li fuq kollox ħallew wkoll xi ħaġa tal-flus b'risq il-parroċċa.

Tajjeb ngħidu hawnhekk li l-Ladies Society ħasbet biex mill-fondi tagħha tibda tagħmel, minn żmien għal żmien xi donazzjoni ġeneruża lill-knisja u kien għalhekk li dan ix-xahar iddeċidiet li toffri l-ewwel kontribut tagħha billi tissussidja żewġ ħarġiet ta' din ir-rivista, spiża li tammonta madwar Lm135. Dan il-ġest ġie apprezzat mhux ftit kemm mill-Board Editorjali kif ukoll minn Mons Arċipriet, li nafuh biżżejjed kemm jaħdem u jistinka biex lill-knisja ma jgħabbihiex b'ħafna piżijiet.

Għax-xahar ta' Marzu se jkollna Coffee Morning ieħor, u **f'April għandna l-ħsieb li norganizzaw għall-ewwel darba St. George's Day Dinner, probabilment fil-ġimgħa ta' wara l-Għid.** Wisq naturali, għal dan id-Dinner jista' jattendi kulħadd, nisa u rġiel, anzi nappellaw mill-lum sabiex in-nisa ma jonqsux li jġibu magħhom lil żwiegħom. Id-data u l-lokal jitħabbru aktar 'il quddiem. Nirringrazzjaw lin-nisa kollha ta' l-interess li qed jieħdu fl-attivitajiet kollha u nittamaw li r-ritmu tajjeb li għaddejjin bih, jissokta għal li ġej.

**COFFEE MORNING**

Nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu 1984

fl-Odyssea Restaurant, Marsalforn.

*Tluq minn Pjazza San Franġisk fid-8.45 a.m.*

*AĦSBU KMIENI GĦALL-BILJETTI.*

## Riċetta: KWARESIMAL

Dan hu ħelu ta' żmien ir-Randan, magħmul mil-lewż. Il-Kwaresimal kien ikun il-ħelu l-aktar użat matul il-perjodu ta' sawm strett.

**Ikollok Bżonn:**

400 gramm dqiq;
400 gramm lewż inkaljat;
żewġ mgħaref ilma żgħar;
kuċċarina vanilja;
400 gramm zokkor;
żewġ mgħaref marġerina;
mgħarfa kokotina;
biċċa konfettura;
kuċċarina mixed spice;
kuċċarina kannella;
ftit ilma.

**Metodu**

Inkalja l-lewż u itħnu. Ħawwad id-dqiq u l-ingridjenti kollha flimkien, u għaqqad bi ftit ilma. Qatta' f'biċċiet u aħmi għal xi għaxar jew ħmistax-il minuta. Meta jkunu lesti, idlikom bl-għasel u fuqhom itfa ftit lewż jew pistaċċi.

## GĦALIKOM TFAL

*Għeżież Tfal,*

*Kif qegħdin taraw, iż-żmien jgħaddi bħar-riħ! Ilu ftit iltqajna fil-ġranet sbieħ tal-Milied Imqaddes: issa qegħdin niltaqgħu mill-ġdid fi ġranet oħra ftit differenti - il-ġranet li jħejjuna għall-Festa l-kbira ta' l-Għid - l-akbar festa li għandha l-Knisja.*

*Qabel xejn, irrid nistaqsikom kif mortu fl-eżamijiet ta' nofs is-sena. Min mar tajjeb ħafna, ngħidlu prosit minn qalbi u ninkuraġġih jibqa' jistudja ħalli jissokta fit-triq tas-suċċess. Min mar hekk u hekk, inħeġġu jistudja iżjed. U min mar ħażin, inġebbidlu widintu u nwissih biex jagħmel moħħu hemm u jrabbi l-għaqal, jibda jistudja ħalli meta jaslu r-riżultati ta' l-eżami annwali ma jerġax jiddiżappunta ruħu u jbaqbaq lill-ġenituri li min jaf kemm jagħmlu sagrifiċċji għalikom biex jagħtukom edukazzjoni xierqa li tiswielkom għall-futur tagħkom.*

*Issa, xi ħaġa fuq ir-Randan. Għidtilkom li hwa żmien ta' tħejjija. Qabel xejn u fuq kollox, tridu tattendu għall-eżerċizzi spiritwali li jsiru għalikom, toqogħdu attenti għal dak li jgħidilkom il-predikatur, u twettqu fil-ħajja tagħkom dak li tisimgħu. Barramindan, ir-Randan hu żmien ta' penitenza u talb. Qis li tagħmlu kemm tifilħu sagrifiċċji f'dawn il-ġranet, waqt li ma tħallux barra kull xorta ta' talb, l-aktar il-Via Sacra li tfakkarna fil-Passjoni u l-Mewt li ħa Ġesù għalina biex jifdina u jsalvana.*

*Qabel nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi, nixtieqilkom ilkoll l-Għid it-Tajjeb, . . . u bilħaqq, kunu moderati ħafna fl-ikel tal-figolli!*

**Tatà**
**Iz-Ziju Peppi**

## ARA JIEN X'GĦAMILT GĦALIK U ARA INT F'HIEX INT

Meta jiena, lilek ħlaqt,
b'li għamilt jien, int fraħt, f'kull waqt.
F'Adam inti, bdejt tgħix ħieles,
Ma l'ljun tilgħab; għarwien mhux liebes.

Inti twelidt, taħt it-tuffieħa,
Ommok welditek, u int xrobt minn drigħha.
Tolfoq, tibki, kull mument,
Hekk kif sibt ruħek, f'ħalq is-serpent.

Bgħattlek lil ibni, biss salvatur,
għal din il-qadi hu ġie maħtur
Minn dejjem nefaq, u issa ntefaq,
biex ix-xemx titla, minn ġewwa x-xefaq.

Għid kbir seħħ issa, bidla glorjuża,
biex terġa tieħu, dik l-ewwel sura
Kemm int ferħan, k'erġajt twelidt,
Jekk int għal dejjem, mid-dnub infridt.

Żomm idek f'idi, ħalli ndawwlek;
il-għadu ħajjen; jipprova jdawwrek
La inti f'idi, u f'idi sewwa,
Min hu bħal Alla, jibżgħu l-għedewwa.

Forsi għalik, da' l-kliem stranġier,
Jew bħal tektika, ta' xi landier,
imma bħal dan, nixtieq insewwi,
Il-ġrigħi tiegħek, nixtieq indewwi.

Il-fatt l'int għama, trux u anke zopp,
Ġej mil-fatt l'inti ma tistax tħobb
Kif int itlobni, ħalli naţik,
indiema vera, nikkonvertik.

Nurik minn jiena, il-Kreatur,
Inti quddiemek, tara futur
Titgħallem tobdi, ir-rieda tiegħi
Biex inti tgħix, għal dejjem miegħi.

Kollox ħejjejtlek, kemm int tgħid: 'Iva',
U f'qasir żmien, ngħajtu, 'Eviva!'
*M'hu se jkun qatt, li jiena nbiegħek,*
għax jien imħabba, ma rrid xejn tiegħek.

Jiena rrid lilek, mhux għax jien bżonnok,
Imma għaliex ġebla, għandek fuq-għonqok.
Tagħmel x'tagħmel, inti biss,
mingħajri żgur, mank lilha tmiss.

U għalhekk jiena, qed nersaq lejk,
nixtieqek tiftaħ, fiss dawk għajnejk.
Inti ssir għajn, ta' ilma ħaj,
lejk jersqu n-ngħaġ, li jsuq ir-*Ragħaj*

Hi x'inhi, il-qagħda tiegħek,
Sew jekk tajba, sew jekk ħażina,
Inti tarbija, li ma tibkix għalxejn,
K'ma tieħux minni, ma nafx minn fejn.

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

**30.12.83** Mikiel Farrugia
**5.1.84** Carmelo Grech
**25.1.84** Salvina Farrugia
**6.2.84** Sidney Edward Carr
**6.2.84** Loreto Buttigieg
**7.2.84** Francesco Cutajar
**9.2.84** Carmelo Camilleri
**9.2.84** Salvatore Galea

# Knisja Qadima Ddedikata lil S. Ġorġ fin-Nebo

*minn Dun Lawrenz Sciberras*

Il-muntanja Nebo tinsab fil-Gordan, però hija qrib ħafna d-desert ta' Ġuda fil-Palestina. Min fuqha wieħed jista' jara fil-qrib tiegħu il-Baħar il-Mejjet, Ġeriko, il-Wied tal-Ġordan, kif ukoll fil-jiem meta l-arja tkun ċara, wieħed jkun jista anke jara il-Betlehem, il-għolja taż-Żebbuġ u lil Ġerusalem.

Madwar il-muntanja Nebo, l-Iskrittura Mqaddsa, issemmi ġrajja l-aktar importanti: din hija l-mewt tal-leġislatur u mexxej Mose. Alla lil Mose wrieħ l-Art Imqaddsa, però b'kastig Alla ippermetta li Mose ma jidħolx fiha; fil-fatt hekk ġara. "U tela Mose mill-wita ta' Mowab fuq ġebel NEBO, fuq il-quċċata tal-Fisġa, li hi quddiem Ġeriko, u wrieħ il-Mulej l-art kollha: U miet hemm Mose". Dt. 34:1 u 5.

Qabel ma Kristu tela' s-sema, Huwa ġabar ħdejħ lil Appostli u bagħathom ixandru l-Vanġelu lill-ġnus kollha tad-dinja Mt 28:19. Fil-fatt hekk ġara; u l-ewwel pajjiż li marru fih u xandru l-Vanġelu hemm, kien in- naħa l-oħra tax-xmara, mmela l-Ġordan. It-twemmin nisrani beda jikber, u bdew jimbnew l-ewwel knejjes ħalli jinġabru ġo fihom l-insara u jitolbu hemm. Anke fuq il-firxa tal-muntanja Nebo imbniet Knisja, u ġiet iddedikata lil Mose, il-leġislatur tal-Lhud. Dan ġara fir-IV seklu wara Kristu.

Issa ġara li fl-Orjent fil-bidu tal-ħames (V) seklu beda l-kult u l-qima lejn il-qaddisin. Fosthom kien hemm il-qaddis ta' Lidda, San Ġorġ Megalo martri, li fis-sena 303 ħalla ħajtu fost martirju atroċi għal Kristu. Il-qima u d-devozzjoni lejn San Ġorġ xterdet ma l-orjent, tant li bdew jimbnew knejjes ddedikati lil qaddis ta' Lidda; fost dawn il-knejjes ta' min isemmi dik ta' Ġerasa, oħra f'Efrajm, kif ukoll dik ta' Mekħajjat tan-Nebo. Din il-knisja mbniet fi żmien **l-isqof Elija fis-sena 536.**

## DESKRIZZJONI

Sewwa li ngħidu mill-ewwel li l-lum min din l-imsemmija knisja ddedikata lil San Ġorġ ma fadal xejn, għajr il-ħajt ta' barra (perimetru), kif ukoll il-**paviment sabiħ tal-mużajk.** Pero l-arkeoloġi, jiġifieri dawk in-nies li ħaffru taħt l-art biex sabu din il-knisja tawna deskrizzjoni l-aktar dettaljata tal-pjanta tagħha.

Din il-knisja u li mal-ġemb tagħha kien hemm ukoll monasteru tal-patrijiet, għandha kważi **forma kwadrata;** difatti hija 12.10 metri wiesa u 12.50 metru twila. Wieħed jista jidħol ġo dan il-maqdes minn żewġ bibien; wieħed jagħti għan-naħa tat-tramuntana u l-ieħor għan-naħa ta' nofs in-nhar. Il-pjanta tal-knisja mqassma hekk: fiha il-korsija u żewġ navi; bejn il-korsija u n-navi kien hemm il-kolonni. Dawn iż-żewġ navi jispiċċaw b'żewġ kappelli żgħar, u li aktarx kienu jintużaw bħala sagristiji.

Fejn tispiċċa l-korsija, u jibda l-presbiterju kien hemm **tarġa wiesa ġmiela.** Meta saru l-iskavi, l-mużajk tal-presbiterju kien għadu kollu hemm fil-post; hekk allura wieħed seta faċilment jinduna bl-erba ħofor f'wiċċ il-presbiterju li kienu jservu għal erba kolonni żgħar biex fuqhom kien hemm il-mensa (wiċċ) ta' l-altar. Bejn dawn l-erba kolonni kien hemm toqba oħra forma ta' salib, li kienet isservi għal għadam tal-qaddisin martri. (Relikwarju). **Madwar l-altar** kien hemm fil-post wkoll sinjali ċara, li fuqhom kien hemm fil-post wkoll il-bankijiet, biex iservu ta' mgħaqad għal waqt il-funzjonijiet

## IL-PAVIMENT TAL-KNISJA

Għalkemm mhux ordnat ħafna fis-suġġett tiegħu, però id-dekorazzjoni li hemm fil-paviment tal-knisja hija waħda sabiħa ħafna, u li fiha messaġġ għoli. Dil-korsija hemm xena kbira tal-mużajk, liema xena hija mqassma fi tnax iċ-ċirku. Bejn dawn iċ-ċrieki hemm il-weraq aħdar tal-palm. Go dawn iċ-ċrieki hemm diversi xeni differrenti li flimkien jiffurmaw xena generali tal-ħajja ferrieħi. Fost ix-xeni hemm min qiegħed jaqta u jagħsar l-għeneb, hemm ix-xena tal-ħsad, kif ukoll dik tal-kaċċa.

U dejjem biex ikompli jagħti ideja ta' ferħ u festa ma din ix-xena tan-nofs, hemm għaddejja bordura wiesa ġmiela. F'din il-bordura, hemm ix-xena ta' erba staġuni, kif ukoll annimali u fjuri.

Jekk imbagħad wieħed jidhol fil-knisja u jgħaddi mill-bieb tat-tramuntana, dan jara fil-paviment xena oħra sabiħa. Din id-darba hemm is-siġra tad-dielja li tifforma ċ-ċrieki ta' din ix-xena. F'nofs din ix-xena, hemm siġra oħra, li mbagħad fil-ġnub tagħha hemm żewġ paġuni ta' ġmiel liema bħalu. Fuq in-naħa ta' lvant, hemm żewġ annimali; l-iljun u l-barri li qiegħdin f'pożizzjoni ta' ġlieda. Fil-bqija ta' din in-nava, hemm disinni oħra ġeometriċi.

## IL-PRESBITERJU

Anke il-presbiterju fih xeni u disinni oħra ġeometriċi. Hemm xi tajr kif ukoll **ħaruf** li jidher donnu **maqbud u mxebblek ma' siġra** minn qrunu. Din ix-xena qiegħda qrib ħafna ta' l-altar. Forsi xi ħadd josserva li xeni bħal dawn ma tantx jintonaw u jaqblu mal-post. Però jekk wieħed iħares b'għajnejn bibliċi, dritt jiftakar f'dak l-fatt ta' Abraham meta Alla bagħtlu ġidi u tħabbel ma siġra, u hekk Abraham qatlu u offrieħ 'l Alla. Ġenesi 22.13.

Huwa ta' interess kbir però il-fatt li fil-paviment tal-mużajk ta' din il-knisja ddedikata lil San Ġorġ Martri, ma hemmx biss disinni, iżda wkoll diversi skrizzjonijiet. U propju għalhekk nafu fi żgur u b'ċertezza kbira li din il-knisja hija **ddedikata li San Ġorġ.** Difatti f'waħda mill-iskrizzjonijiet bil-grieg hemm miktub li din il-Knisja ġiet mibnja fi żmien **l-Isqof ELIJA** fis-**SENA 536 u DDEDIKATA lil SAN ĠORĠ MEGALO MARTRI.**

F'kitba oħra f'din il-knisja hemm l-ismijiet ta' dawk li b'għaqal kbir ħadmu huma l-mużajk tal-paviment; Dawn huma Nahum, Ciriaco, u Tommaso. Kitba oħra issemmi l-isem ta' l-arċidjaknu Saola.

Il-lum din il-knisja hekk antika ddedikata lis-suldat qalbieni San Ġorġ, hija abbandunata u mħarbta għal kollox. Dan ġara għaliex in-nies tal-post telqu t-twemmin tagħhom. Min din il-ġrajja però sewwa li nitgħallmu u nonqxuha fil-fond f'qalbna biex il-fidi li aħna nħaddnu f'Alla u fil-qaddisin tiegħu fosthom il-patrun tagħna San Ġorġ, dan it-twemmin insaħħuh u nkabbruh ħalli nkunu nistgħu ngħadduh lil uliedna u ulied uliedna.

## NIFIRHU

- Lil Mro Joseph Vella B. Mus. (Dunelm) F.L.C.M., Surmast Direttur tal-Banda Ċittadina La Stella, għas-suċċess li kiseb f'konkors Mużikali mniedi mill-Kumitat Festi Nazzjonali. Mro Vella rnexxielu jikseb l-Ewwel Post f'dan il-Konkors permezz tal-kompożizzjoni oriġinali tiegħu "Malta Rebbieħa".
- Lil Dun Lawrenz Sciberras M.A., S.S.L., S.Th.L., Professur ta' l-Iskrittura fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex għat-titlu li ngħata dan l-aħħar ta' Kavallier ta' l-Assoċjazzjoni ta' San Ġorġ Martri. Din l-Assoċjazzjoni twaqqfet fil-belt ta' Ġerusalem bil-għan li tħares il-postijiet qaddisa.
- Lis-Sinjorina Maria Frendo li għamlet pass ieħor kbir il-quddiem fil-karriera mużikali tagħha bl-akkwist ta' F.T.C.L. Is-Sinjorina Frendo tagħti servizz utli lill-Bażilika ta' San Ġorġ fil-qasam mużikali mall-Kor "Laudate Pueri" li tiegħu hija l-Organista.

# IT-TEATRU ASTRA

*jippreżenta*

## La Principessa della Czardas

l-Operetta magħrufa, kapulavur ta' E. Kalman



### 7 u 14 ta' April, 1984

LA PRINCIPESSA della CZARDAS (The Gipsy Princess) hi waħda mill-operetti l-aktar popolari fl-Ewropa, għax tofri mużika li tinkludi x'uħud mill-isbaħ melodiji li qatt inkitbu, melodiji allegri u tal-widna li żgur jibqgħu jidwu fil-familji għal tul ta' żmien. Din l-operetta hi ta' l-istess livell għoli ta' THE MERRY WIDOW difatti fi Vienna u Trieste, il-bliet ta' l-operetti ta' kull sena għadhom jintwerew flimkien.

LA PRINCIPESSA della CZARDAS toffri festa ta' mużika, kiant, żfin, kuluri u allegrija li ħadd m'għandu jonqos jara; toffri spettaklu lussuż u divertenti, b'xenarji u kostumi mill-isbaħ. Il-Management tat-Teatru Astra qed jagħmel min kollox biex din l-operetta tkun suċċess bħal-operetti ta' qabel.

Il-partijiet prinċipali se jinħadmu mis-soprani MARY GALEA, MARIA FRENDO, ADELINA ATTARD, it-tenur JOE HUBER, mal-atturi u attriċi FRANCO u CETTINA SCICLUNA, MELINA SCIBERRAS, MARIA SCHEMBRI u t-TRIO komiku ANTON SAID, CHARLIE ZAMMIT, u JULIAN REFALO RAPA. L-orkestra tkun imżejna bl-aħjar elementi ta' l-orkestra tat-Teatru Manoel, u tkun taħt id-direzzjoni taż-żagħżugħ abbli MRO. JOHN GALEA. Il-KOR se jkun aktar formidabbli mis-soltu, billi sa jkun imsaħħaħ mill-aħjar elementi tal-Korijiet Ġorġjani Chorus Urbanus u Laudate Pueri. Il-Produzzjoni u d-direzzjoni ġenerali tkun għas-soltu f'idejn ĠORĠ XERRI, li ismu hu biżżejjed garanzija ta' xogħol serju u ta' livell għoli. Ħadd m'għandu jitlef din l-okkażjoni li jara din l-operetta tant sabiħa li mhix ħlief festa allegra u onesta li tpaxxi ż-żgħar u l-kbar.

## DONAZZJONIJIET GĦAR-RIVISTA

G.Farrugia Lm10; Kan. S.Borg, N.N. Lm5; Chev.J.Zammit (Canada) Lm3.50; F.Formosa, P.Vella Lm2; Kan.G. Grima, Kan Gius. Gauci, J. Spiteri, M. Cremona, G. Schembri, G. Aquilina, M. Mizzi, D. Scicluna, L. Grech, A. Tabone, G. Borg, M. Zerafa, M.R. Gauci, C. Gatt,J. Camilleri, K. Vassallo, J. Cauchi, C. Frendo, M. Scicluna, A. Sultana, G. Theuma, G. Grech, M. Zammit, S. Pace, F. Vassallo, G. Mercieca, N. Grima, A. Azzopardi — Lm1. S. Zammit, C. Schembri, G.Agius, C.Grima, C.Camilleri, N.N. - 50c.; C.Cutajar, G.Micallef, C.Farrugia - 25c.; M.Cauchi - 20c.

**L-ispejjeż kollha tal-pubblikazzjoni ta' din il-harġa ta' IL-BELT VICTORIA kif ukoll l-aħħar harġa ta Jannar-Frar, ġew ġentilment imħallsa mill-għaqda tan-nisa mwaqqfa fi ħdan il-parroċċa tagħna, magħrufa aħjar bħala l-Ladies Society. Il-fondi sabiex setgħu jitħallsu dawn l-ispejjeż, li jlaħħqu madwar LM135, inġabru permezz ta' diversi attivitajiet rekreattivi li l-Ladies Society hadet ħsieb torganizza matul dawn l-aħħar erba' xhur. Il-Board Editorjali jiżżiħajr minn qalbu lil Ladies Society ta' din l-inizzjattiva hekk ta' fejda.**



## FESTA LITURĠIKA ta' SAN ĠORĠ MARTRI

**Il-Ħadd 29 t'April:** Lejlet il-Festa. Fis-6.15 p.m. Transulazzjoni u Konċelebrazzjoni Solenni. Wara Marċ mill-Banda Ċittadina La. Stella.

**It-Tnejn 30 t'April:** Jum il-Festa. Fit-7.45 a.m. Matutin, Laudi u Kant ta' Terza. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

*F'dan il-jum ikun hemm quddies matul il-ġurnata kollha nklużi, fis-2.00, 3.00 u fl-4.00 p.m.*


RANK XEROX
Copy Bureau

For all

**Plain Paper Copying**

*Kennedy Square,*
*Victoria - Gozo* Tel: 553564



ASTRA TOURS

***Agħmel l-għażla tiegħek issa għas-sajf li ġej !***
***LONDRA. . . VENEZIA. . . jew LOURDES. .***

L-ASTRA TOURS joffrulek **tlett** Tours Meraviljużi!

1. Italja - Franza (Lourdes) - Spanja. (19 ta' Lulju - 3 t'Awissu)
2. Ingilterra - Skozja. (18 - 29 t' Awissu)
3. Italja. (4 - 11 t' Awissu)

*Bookings:*
***JOHN PORTELLI ENTERPRISES LTD. - Tel: 556236***
***PAUL M. CASSAR. - Tel: 551004***


A & M PRINTING LTD. - 553217